MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta’ Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 64/2019 LM

**Michelina Bonnici (K.I. 1236857M)**
*(l-appellata)*

***vs.***

**Specialist Group Cleaners Limited (C65296)**
*(l-appellanta)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Specialist Group Cleaners Limited** [minn issa ’l quddiem “l-appellanta”] mid-deċiżjoni mogħtija fid-9 ta’ Lulju, 2019, [minn issa ’l quddiem “id-deċiżjoni appellata”], mit-

Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem "t-Tribunal"], li ikkonkluda li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti, hawnhekk "l-appellata", **Michelina Bonnici**, minn mas-soċjetà intimata, kienet inġusta u saret bi ksur tal-liġi. It-Tribunal iddeċieda wkoll li r-rikorrenti għandha titħallas kumpens mis-soċjetà ta' ħamest elef Euro (€5,000).

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellata mal-appellanta, liema terminazzjoni l-appellata ssostni li saret inġustament u mingħajr l-ebda raġuni valida fil-liġi. Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata appellanta wieġbet Ii kuntrarjament għal dak Ii qed tallega r-rikorrenti, hija qatt ma ġiet imkeċċija mill-impjieg. Tgħid ukoll Ii r-rikorrenti kienet ġiet infurmata Ii kienet ser tigi trasferita mill-Isptar Karin Grech u li kienet ser tibda taħdem bħala *reliever*, in segwitu għal argument li l-appellata kellha ma' impjegata tal-isptar Karin Grech. Iżda meta r-rikorrenti ġiet infurmata b'dan, kienet proprju hija stess Ii temmet ħesrem l-impjieg tagħha peress li ma riditx taħdem fl-ebda post ieħor.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrenti appellata istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal permezz ta' rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar, 2017, fejn talbet li jiġi dikjarat li l-impjieg tagħha minn mas-soċjetà intimata ġie terminat mingħajr l-ebda raġuni valida u

ġustifikazzjoni u li għaldaqstant ġiet imkeċċija inġustament. Mill-provi jirriżulta li r-rikorrenti kienet ilha impjegata bħala *full-time cleaner* mill-2010, l-ewwel mal-kumpannija Gafa Saveway Cleaners Limited, liema kumpannija mbagħad kienet inbiegħet lill-kumpannija TF Services Limited u wara kienet ġiet trasferita lill-kumpannija Specialist Group Cleaners Limited. Ir-rikorrenti tispjega li hija minn dejjem kienet tagħmel xogħol ta' *cleaning* fl-isptar Karin Grech.

4. Ir-rikorrenti fix-xhieda tagħha quddiem it-Tribunal tgħid li fit-8 ta' Novembru, 2016 hija daħlet għax-xogħol normali u s-*supervisor* qaltilha biex turi fiex kien jikkonsisti x-xogħol lill-impjegata ġdida. Ir-rikorrenti bagħtet lill-impjegata l-ġdida fir-*reception* biex iġġib iċ-ċwievet, filwaqt li hi marret iġġib l-għodda għax-xogħol li kellu jsir. Spjegat li hija lemħet lill-impjegata l-ġdida titkellem mar-*receptionist* u meta sejħet lill-impjegata l-ġdida biex jibdew ix-xogħol, ir-*receptionist* qaltilha biex ma tindaħalx. Ir-rikorrenti tgħid li hija marret tirrapporta lis-*supervisor* tagħha iżda peress li ma sabitux, marret fl-uffiċċju tas-sigurtà u ħalliet risposta ma' impjegat fl-uffiċċju biex jikkuntattjaha l-kap tas-sigurtà. Tgħid ukoll li hija għamlet rapport u spjegat lis-segretarja tas-soċjetà intimata x'kien ġara, li min-naħa tagħha qalet lir-rikorrenti biex tkompli bix-xogħol tagħha. Ir-rikorrenti tgħid ukoll li filgħaxija ġiet ikkuntattjata mill-kap tas-sigurtà li infurmaha li kien sar rapport fil-konfront tagħha mir-*receptionist*, li qalet li r-rikorrenti kienet refgħat idejha fuqha. Qalet ukoll li ftit wara rċeviet telefonata mis-segretarja tal-kumpannija, li qaltilha li kien hemm ilment dwarha li hija ma kinitx tat l-għodda lill-impiegata l-ġdida u r-rikorrenti ċaħdet dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront tagħha. Ir-rikorrenti tgħid ukoll li l-

għada hija kienet daħlet normali għax-xogħol, meta rċeviet telefonata mingħand is-segretarja tal-kumpannija fejn infurmata biex mill-għada ma tidħolx aktar għax-xogħol u li dakinhar kienet l-aħħar ġurnata tax-xogħol tagħha. Spjegat li s-segretarja tal-kumpannija qaltilha wkoll li kien hemm rapport dwarha li kellha xi argumenti oħra fuq ix-xogħol, imma r-rikorrenti ċaħdet dan, u dakinhar kompliet bil-ġurnata tax-xogħol tagħha u mill-għada ma attenditx għax-xogħol skont l-istruzzjonijiet li kienet ingħatat. Ir-rikorrenti tgħid li sussegwentement hija kienet ċemplet kemm-il darba lis-segretarja tal-kumpannija biex jgħidulha meta kellha tkompli bix-xogħol, iżda s-segretarja ma ċemplitx lura.

Min-naħa tagħha Alexia Bongailas, is-segretarja tas-soċjetà intimata, tistqarr fix-xhieda tagħha quddiem it-Tribunal, li Michelina Bonnici minn dejjem kienet taħdem l-isptar Karin Grech. Tgħid ukoll li mill-ewwel li bdew joperaw kienu daħlu għadd ta' ilmenti dwar ir-rikorrenti, l-parti l-kbira kienu ilmenti verbali li kienu jsiru magħha jew mas-segretarja li kellhom qabel. L-ilmenti dwar Michelina Bonnici kienu jkunu dwar l-attitudni tagħha mal-ħaddiema tas-soċjetà intimata u anke mal-ħaddiema tal-lsptar Karin Grech u anki għax ma kinitx tagħmel xogħolha sew u li ta' sikwiet kienet tkun f'postijiet ġewwa l-isptar fejn il-ħaddiema tal-kumpannija ma kellhomx permess ikunu. Bongailas tgħid ukoll li r-rikorrenti kienet taħbi l-affarijiet li kienet tnaddaf bihom, sabiex il-kollegi tagħha ma kienux jistgħu isibuhom. Tgħid ukoll li hekk kif kienet tirċievi dawn l-ilmenti, hija kienet tkellem lil Bonnici u kienet tiġbdilha l-attenzjoni li kien hemm il-problemi. Ix-xhud tgħid ukoll li għad li kienet twiddeb verbalment lir-rikorrenti, is-sitwazzjoni xorta waħda ma nbidlitx u l-

ilmenti baqgħu jippersistu. Skont ix-xhud darba minnhom kienet inħarġet twissija lir-rikorrenti, iżda din ma kinitx iffirmata. Tispjega li fit-8 ta' Novembru, 2016 kien hemm ħaddiema ġdida fl-Isptar Karin Grech u r-rikorrenti kellha turiha x-xogħol li kellu jsir. Tgħid li dakinhar kienet irċeviet telefonata mingħand din il-ħaddiema ġdida, li qaltilha li ma riditx taħdem aktar mar-rikorrenti. Ix-xhud kienet tkellmet mar-rikorrenti biex tispjegalha x'kien ġara u r-rikorrenti kienet qaltilha li kienet ir-*receptionist* li bdiet il-ġlieda. Min-naħa tagħha ir-*receptionst* qalet lix-xhud li kienet ir-rikorrenti li ħebbet għalija. Bongailas qalet ukoll li wara li kienet irċeviet telefonata mingħand uffiċjal tal-isptar, iddeċidew li jitterminaw b'mod immedjat l-impjieg tar-rikorrenti, kemm minħabba l-imsemmi episodju kif ukoll minħabba l-problemi li din kienet ikkawżat qabel. Dan l-uffiċjal tal-isptar infurmahom ukoll li jekk ir-rikorrenti ma titkeċċiex, ix-xogħol tas-soċjetà intimata fl-isptar kien ser jiġi mwaqqaf. Ix-xhud tgħid ukoll li l-għada fid-9 ta' Novembru għamlet kuntatt biex jiġi tterminat b'mod immedjat il-*palming* tar-rikorrenti mis-sistema tal-Isptar Karin Grech. Hija tgħid ukoll li dakinhar reġgħet ċemplet lir-rikorrenti u qaltilha biex mill-ġurnata ta' ħidma li kien imiss ma tirrappurtax aktar għax-xogħol ġewwa l-Isptar Karin Grech. Hija tgħid ukoll li kienet qalet lir-rikorrenti li kienet se titpoġġa bħala *reliever* bl-istess paga, sigħat u ġranet, iżda f'postijiet oħra li mhumiex l-Isptar Karin Grech. Ix-xhud tgħid li r-rikorrenti kienet irrifjutat din l-offerta u qaltilha li ma riditx tibda taħdem minn postijiet oħra u tgħid li r-rikorrenti qaltilha "jew posti jew xejn". Ix-xhud tgħid ukoll li ma kienet semgħet xejn aktar mir-rikorrenti, li ma reġgħetx irritornat lura għax-xogħol. Hija tgħid ukoll li kienet stenniet ftit ġranet biex forsi r-rikorrenti tagħmel kuntatt mal-kumpannija, iżda peress li ma semgħet xejn mir-rikorrenti, ix-xhud

imliet l-formola tat-terminazzjoni tal-ETC u peress li ma kinitx il-kumpannija li keċċiet lir-rikorrenti, f'din il-formola ntqal li r-rikorrenti kienet irriżenjat mill-impjieg. Fl-aħħar nett tgħid li s-soċjetà qatt ma kellha l-intenzjoni li tkeċċi lir-rikorrenti minkejja l-problemi li kienet qed taqla' u dan għaliex is-soċjetà ma tistax taffordja li titlef mill-ħaddiema tagħha sabiex tkun tista' tlaħħaq max-xogħol li għanda.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-każ inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa li l-għada ta' inċident li seħħ fit-8 ta' Novembru, 2016 ir-rikorrenti ġiet infurmata mill-kumpannija biex ma tibqax taħdem fl-lsptar Karin Grech wara li kienet ilha taħdem f'dan l-isptar għal madwar sitt snin. Hija ġiet nfurmata wkoll, li ma kienitx se titkeċċa mill-impieg iżda kienet se tibda tiġi assenjata xogħol ta'* reliever *f'diversi postijiet tax-xogħol.*
>
> *It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li dan sar mhux għal raġunijiet ta' esiġenzi tal-operat tax-xogħol, iżda b'konsegwenza tal-inċident li kien inqala' u fuq verżjonijiet li ġew mogħtija lis-segretarja tal-kumpannija li kkonkludiet li r-rikorrenti kienet ħatja ta' dan l-inċident.*
>
> *It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li l-azzjoni li ttieħdet fil-konfront tar-rikorrenti kienet forma ta' azzjoni dixxiplinarja u dan sar mingħajr b'mod formali ma taw lir-rikorrenti l-opportunità li b'mod xieraq tiddefendi l-każ tagħha.*
>
> *It-Tribunal Industrijali qed jikkunsidra dan l-aspett tal-każ għar-raġuni, li għalkemm il-kumpannija tgħid li hija ma keċċietx mill-impjieg lir-rikorrenti però dan il-każ kien il-kawża li r-rikorrenti ma tħallitx taħdem aktar f'dan l-isptar wara li kienet ilha taħdem hemm għal madwar sitt snin.*

*It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li meta saru r-rapporti lis-segretarja hija kellha tibgħat personalment għar-rikorrenti fl-uffiċċju tal-kumpannija, tispjegalha r-rapporti li kien hemm fil-konfront tagħha u tatieha l-opportunità biex tagħti l-verżjoni tagħha u r-rikorrenti jkollha l-opportunità li b'mod xieraq tiddefendi l-każ tagħha.*

*It-Tribunal Industrijali qed jirrimarka dan l-aspett għar-raġuni, li r-rapporti u l-ispjegazzjonijiet kollha saru bit-*telephone *li żgur għal każ ta' din ix-xorta ma hux il-komunikazzjoni adattata biex tittratta każ ta' impjegata li kienet ilha fl-impjieg għal madwar sitt snin.*

*It-Tribunal Industrijali meta janalizza l-verżjonijiet tax-xhieda li ġew mogħtija lilu jsib li s-segretarja tgħid "li minn dakinhar jien ma ergajtx smjat mingħand Michelina u hija ma rritornatx lura għax-xogħol. Jien stennejt ftit tal-granet forsi kienet ser terġa' tagħmel kuntatt magħna iżda dan ma sarx u għalhekk kelli nimla l-formola tal-ETC. Stante li l-SG ma keċċitiex iżda naqset milli tirritorna lura għax-xogħol, ir-raġuni fuq il-formola tniżżlet bħala riżenja".*

*Minn naħa ta' Michelina tgħid kif jirriżulta mill-provi li hija ċemplet kemm -il darba lis-segretarja, iżda din qatt ma rritornat it-telefonati tagħha.*

*Meta it-Tribunal Industrijali jikkunsidra dawn il-verżjonijiet tax-xhieda u janalizzahom jinnota li mix-xhieda jirriżulta li l-kumpannija kienet se tassenja xogħol lir-rikorrenti bħala* reliever *u għaldaqstant ma kienx se jkollha post tax-xogħol fiss, iżda kienet se taħdem f'diversi postijiet tax-xogħol biex tirrilivja lill-ħaddiema li jkunu bil-*leave *jew* sick leave *jew fejn ikun hemm bżonn aktar ammont ta' ħaddiema. Għaldaqstant, kellha tkun il-kumpannija li tikkuntattja lir-rikorrenti biex tinfurmaha fejn u f'liema post tax-xogħol hija kellha tirrapporta biex taqdi d-dmirijiet tagħha. Mill-provi li ġew quddiem it-Tribunal Industrijali ma jirriżultax li l-kumpannija qatt infurmat lir-rikorrenti f'liema post tax-xogħol u l-ħin li hi kellha tirrapporta kif ukoll, kif jirriżulta mill-provi meta r-rikorrenti ppruvat tikkuntattja mill-kumpannija hija ma kellha ebda tweġiba. Għaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li n-nuqqas kien tal-kumpannija u in vista li l-kumpannija ma assenjatx xogħol lir-rikorrenti dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra li kienet il-kumpannija li tterminat l-impjieg tar-rikorrenti.*

*Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-i*statements of *case tal-partijiet, semgħa u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u ppreżentati, ra u kkunsidra ssottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet, isib u jasal għall-konklużjoni, li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet inġusta u*

*saret bi ksur tal-liġi. It-Tribunal Industrijali jiddeċiedi wkoll, li r-rikorrenti għandha titħallas kumpens mingħand Specialist Group Cleaners Ltd. (C 65296) ta' €5,000 (ħamest elef Euro) liema kumpens għandu jitħallas fi żmien ħmistax-il gurnata mid-data ta' din id-Deċizjoni."*

## Ir-Rikors tal-Appell

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fis-27 ta' Ġunju, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"...filwaqt li tagħmel riferenza għad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tad-9 ta' Lulju, 2019 fl-ismijiet fuq premessi, għall-atti tal-istess proċeduri u għall-provi hemm prodotti u filwaqt li tirriserva minn issa li tressaq dawk il-provi ammissibbli f'dan l-istadju titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka is-sentenza għar-raġunijiet esposti f'dan ir-rikors, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata."*

L-appellanta tgħid li tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni appellata għaliex it-Tribunal ikkwantifika l-kumpens dovut lill-appellata mingħajr ma kkunsidra l-fatturi msemmija fl-artikolu 81(2) tal-Kap. 452.

## Ir-Risposta tal-Appell

7. L-appellata min-naħa tagħha titlob sabiex din il-Qorti tiċħad l-appell tas-soċjetà appellanta filwaqt li tikkonferma d-deċizjoni appellata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellanta flimkien mas-sottomissjonijiet tal-appellata, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

*L-uniku aggravju:* *It-Tribunal ikkwantifika l-kumpens dovut lill-appellata mingħajr ma kkunsidra l-fatturi msemmija fl-art. 81(2) tal-Kap. 452*

9. Filwaqt li l-mertu tal-każ jekk l-appellata ġietx imkeċċija mill-impjieg tagħha mingħajr kawża ġusta, mhuwiex ikkontestat, l-uniku aggravju tas-soċjetà appellanta f'dan l-appell huwa dwar kif ġie kwantifikat il-kumpens li s-soċjetà appellanta ġiet ordnata tħallas lill-appellata. Is-soċjetà appellanta ssostni li t-Tribunal ikkwantifika l-kumpens dovut lill-appellata mingħajr ma kkunsidra l-fatturi msemmija fl-artikolu 81(2) tal-Kap. 452, u ċioé li:

> "... meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie mkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra, inkluż l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg ta' dak il-ħaddiem."

Is-soċjetà appellanta tikkontendi li t-Tribunal ma spjegax kif wasal għall-ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000) bħala kumpens. Tgħid li l-appellata ma sottomettiet l-ebda prova dwar id-danni reali u t-telfien li batiet minħabba t-tkeċċija. Tissottometti li l-appellata qatt ma setgħet tipprova danni peress li in kontroeżami hija qalet li minn Frar 2017 hija kellha impjieg ġdid ma' bank, ċioé tliet xhur wara li kienet spiċċat taħdem fl-Isptar Karin Grech mas-soċjetà

appellanta. Tgħid li mid-deċiżjoni tat-Tribunal ma jirriżultax jekk dan il-fattur ittieħedx in konsiderazzjoni mit-Tribunal u lanqas ma jidher li ttieħed inkonsiderazzjoni l-fatt li s-soċjetà appellanta kienet offriet lill-appellata l-possibilità li taħdem xi mkien ieħor flok l-Isptar Karin Grech, u l-appellata kienet irrifjutat.

10. Min-naħa tagħha l-appellata tgħid li fir-rikors tal-appell innifsu, is-soċjetà appellanta stess irrikonoxxiet li l-appellata sabet xogħol ieħor tliet xhur wara li ġie terminat l-impjieg tagħha inġustament mis-soċjetà appellanta. Apparti dawn it-tliet xhur fejn l-appellata ma kellha l-ebda dħul ieħor, l-appellata ma tħallsitx ukoll tat-tmien (8) ġimgħat *notice period* is-somma ta' elf, sitt mija u sitta u tmenin Euro u erbgħin ċenteżmu (€1,686.40), għaliex is-soċjetà appellanta ssostni li l-appellata rriżenjat u mhux ġiet mkeċċija mill-impjieg tagħha. L-appellata tgħid ukoll li hija ma tħallsitx is-somma ta' disa' mija, ħamsa u sebgħin Euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€975.83) rappreżentanti l-paga dovuta għall-ġranet li ħadmet u li ma tħallsitx tagħhom, il-*bonus* statutorju, *allowances* u l-bilanċ għal-*leave* li ma tteħidx skont ir-rendikont maħruġ mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali.[1] Kien biss f'Marzu, 2017 li l-appellata sarilha pagament ta' tmien mija, u wieħed u sittin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€861.93)[2] u għalhekk jifdal bilanċ pendenti ta' elf u tmien mitt Euro (€1,800).

---

[1] Ara *a fol.* 6 tal-atti tal-każ quddiem it-Tribunal.

[2] Min-naħa tagħha is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha għar-rikors tar-rikorrenti quddiem it-Tribunal, kienet qalet li hija kienet ħallset lir-rikorrenti is-somma ta' €421.60 bħala *notice period*, kif ukoll ħallset l-ammont reklamat mir-rikorrenti għall-aħħar jiem li ħadmet, tal-*bonus* u tal-*leave* li ma tteħidx.

11. L-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 475 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li:

*"meta t-Tribunal jistabbilixxi l-ammont tal-kumpens, għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie imkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra, inklużi l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-ħaddiem."*

Mill-banda l-oħra l-artikolu 75(3) tal-istess liġi jgħid li:

*"... it-Tribunal għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess. Tkun xi tkun il-proċedura li tiġi wżata, it-Tribunal għandu jieħu ħsieb jiżgura li l-ġustizzja ssir skont il-meriti tas-sustanza tal-każ, u bla ħsara għar-regoli tal-ġustizzja naturali, it-Tribunal għandu jasal għall-konklużjonijiet tiegħu fuq kull ħaġa b'dak l-mod li jidhirlu xieraq."*

Il-liġi li tirregola lit-Tribunal tagħmilha ċara li t-Tribunal għandu jirregola l-proċedura tiegħu stess, u t-Tribunal fil-proċedura li jagħżel li jsegwi, strettament mhuwiex marbut mar-regoli tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12). Fi kwalunkwe każ, l-artikolu 171(3) tal-Kap. 12 jgħid li sentenza li tingħata minn qrati inferjuri ma teħtieġx li tkun tinkludi r-raġunijiet kollha li wasslu għaliha, iżda tista' biss issemmi il-punti ewlenin li fuqhom il-qorti tkun ibbażat il-konklużjonijiet tagħha.

12. Il-Qorti tirrileva li l-Kap. 452 li jirregola lit-Tribunal ma jgħidx li dan għandu jagħti spjegazzjoni u motivazzjoni ta' kif jasal għall-ammont ta' kumpens li jiġi akkordat, imma jindika l-fatturi li t-Tribunal għandu jqis qabel ma jistabbilixxi l-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas lil min ikun ġie tterminat l-impjieg tiegħu inġustament. Il-fatt li t-Tribunal ma spjegax fid-dettall il-mod kif wasal għall-ammont ta' kumpens li ġie stabbilit minnu, ma jfissirx li dan ma qiesx il-fatturi li kien obbligat iqis a tenur tal-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452. Il-Qorti tirrileva li l-pretensjonijiet tal-appellata f'dan ir-rigward

jirriżultaw kemm mir-rendikont ippreżentat minnha quddiem it-Tribunal[3] u anki saħansitra mir-rikors tal-appell tas-soċjetà appellanta, fejn jingħad li kienu għaddew tliet xhur mit-terminazzjoni tal-impjieg tagħha mas-soċjetà appellanta sakemm l-appellata sabet impjieg ieħor, anki jekk mhux ċar jekk dan l-impjieg ġdid kienx wieħed *part-time* jew *full-time*.

13. Din il-Qorti tqis li tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż il-parametri legali li obbligat jaħdem fihom it-Tribunal, is-somma li wasal għaliha t-Tribunal bħala kumpens li għandu jitħallas lill-appellata, hija waħda ġusta skont il-meriti tas-sustanza tal-każ.

14. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx l-aggravju tas-soċjetà appellanta ġustifikat u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem it-Tribunal, kif ukoll dawk ta' din l-istanza, għandhom jitħallsu mis-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

[3] *A fol.* 52 tal-atti tal-każ quddiem it-Tribunal.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**